MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 240/2007

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Gaetano Debattista (I.D. Nru. 800648M) u Debattista Holdings Ltd (C-20010)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elfejn mitejn tmienja u hamsin Lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2,258.76), ekwivalenti ghal €5,261.50, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici 21580682, 21580683, 21580684 u 21580685 (CN 659702 AC10205618) skond id-dokumenti annessi mar-Rikors u markati bhala Dok. "A" sa' Dok. "E", bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez u taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kontra l-konvenuti;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li *mhux l-ammont kollu pretiz mis-socjetà attrici huwa dovut mill-intimati u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza*;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici flimkien mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 2 sa' 10 tal-process;

Rat li b'Digriet datat 29 ta' Novembru 2007 gie awtorizzat il-bdil ta' isem is-socjetà attrici fl-okkju tal-kawza minn Maltacom p.l.c. ghal GO p.l.c.;

Rat illi b'dikjarazzjoni maghmula waqt is-seduta tat-30 ta' April 2008[1] is-socjetà attrici ddikjarat li tistrih fuq id-dokumenti minnha esebiti bhala prova in sostenn tat-talba taghha;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut Gaetano Debattista moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Mejju 2008[2] u tas-17 ta' Frar 2009 u rat id-dokument esebit minnu u markat Dok. "GD" a fol. 38 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensur tal-konvenuti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha is-somma ta' €5,261.50, ekwivalenti ghal Lm2,258.76, rapprezentanti hlas dovut ghas-servizzi telefonici relattivi ghan-numri 21580682, 21580683, 21580684 u 21580685. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li mhux l-ammont kollu pretiz mis-socjetà attrici huwa dovut minnhom, kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza.

Il-prova tal-konvenuti in sostenn ta' l-eccezzjoni taghhom essenzjalment tikkonsisti fix-xhieda tal-konvenut Gaetano

---

[1] Fol. 34 tal-process.
[2] Fol. 36 sa' 37 tal-process.

Debattista u f'dokument minnu esebit a fol. 38 tal-process. Waqt is-seduti tat-22 ta' Mejju 2008 u tas-17 ta' Frar 2009, il-konvenut Gaetano Debattista xehed illi *qieghda tigi migbuda l-attenzjoni tieghi ghall-agreement li hemm a fol. 2 tal-process. Dak iz-zmien jiena kont fin-negozju u kont immexxi lukandi ghall-kumpanija maghrufa Debattista Holdings. Kien hemm kumpanija ohra jisimha Limelight Hotels li taghha jiena kont Managing Director. Kaz minnhom kien il-Blue Lagoon Hotel Bugibba illi meta hadnieh over ahna ma kienx hemm linji fit-telephone peress li kien hemm kont x'jithallas u l-Maltacom kienet insistiet li l-ewwel jithallsu l-arretrati u imbaghad taghtina l-linja, ghalhekk jiena ma kellix alternattiva hlief naghmel kuntratt mat-Telemalta sabiex inhallas dawn l-arretrati u imbaghad jiena ndur fuq is-sid precedenti. Sfortunatament is-sid precedenti kien falla u minhabba l-problemi li kellna mieghu kellna naghlqu l-lukanda. Wara l-2003 jiena ma operajtx aktar mill-lukanda. Jiena ma chadtx l-obbligazzjonijiet tieghi ghaz-zmien li kont qieghed nopera l-lukanda. Ircevejt ittra minghand Dr Ingrid Zammit Young ghan-nom tat-Telemalta u jiena rrispondejt b'ittra ohra li taghha qieghed nesebixxi kopja li ggib id-data tas-6 ta' Gunju 2007. F'din l-ittra jiena spiegajt 'l ghala kont qieghed noggezzjona ghal parti mit-talba li ghamlet il-kumpanija u s-sitwazzjoni tieghi x'kienet. Ma' l-ittra jiena ghamilt pagament akkont. L-istess japplika ghall-kuntratti l-ohra li hemm a fol. 2,3,4 u 5 tal-process. Kull meta iffirmajt xi ftehim mat-Telemalta dejjem kien ghan-nom tal-kumpanija. Fil-fatt kontijiet tieghi personali huma kollha mhallsa[3]. Jiena nirrikonoxxi illi s-socjetà attrici ghandha tiehu xi ammonti kif jidher fl-avviz. Mhux l-ammont kollu ghax fil-mori ta' din il-kawza ghamilt pagamenti. Però dawn ghamilthom ghan-nom ta' Debattista Holdings li hija id-debitrici tas-socjetà attrici. In-numri ndikati fl-avviz huma kollha tal-lukanda maghrufa bl-isem ta' "Gallina Hotel" il-Qawra li kienet gestita mill-kumpanija Debattista Holdings Limited. Il-kontijiet tieghi personali tad-dar tieghi huma mhallsa u lis-socjetà attrici m'ghandi naghtiha xejn. Id-dokumenti li jidhru minn fol. 2 sa' fol. 5 huma kopji ta' skritturi li jiena ffirmajt biex nakkwista s-servizz. Dawn*

[3] Fol. 36 u 37 tal-process.

*dejjem iffirmajthom bhala Managing Director ta' Debattista Holdings Limited u qatt f'ismi personali. F'seduta ohra nkun nista' nindika ezatt kemm huwa dovuta lis-socjetà attrici minn Debattista Holdings Limited*[4]*.*

Minn din ix-xhieda huwa evidenti li l-eccezzjoni tal-konvenuti hija essenzjalment ibbazata fuq zewg pretensjonijiet: li l-konvenut Gaetano Debattista f'ismu personali ma ghandu jaghti xejn lis-socjetà attrici ghaliex kwalunkwe debitu dovut huwa dovut mis-socjetà Debattista Holdings Limited, u li fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjetà attrici mhux dovut fl-intier tieghu minhabba pagamenti li saru fil-mori ta' dawn il-proceduri.
Mid-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 2 sa' 5 tal-process, li huma l-ftehim ta' servizz telefoniku relattivi ghal kull wiehed min-numri tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni, jirrizulta li dawn gew iffirmati mill-konvenut Gaetano Debattista minghajr ebda indikazzjoni li kien qed jiffirma f'isem haddiehor – u cioè s-socjetà konvenuta – u mhux f'ismu personali. F'kull wiehed minn dawn il-ftehim hemm provdut b'mod car li fil-kaz opportun trid tigi indikata ir-*representative capacity* tal-firmatarju u l-isem tal-persuna jew socjetà ghan-nom ta' min ikun qed jigi konkluz il-ftehim, izda f'kull wiehed mill-ftehim in kontestazzjoni dawn l-indikazzjonijiet thallew vojta.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innfisu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraenti l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz*[5]*.*

---

[4] Fol. 41 tal-process.
[5] Direttur ta' l-Informazzjoni v. Joseph Carbonaro, Citaz. Nru. 498/89 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2003.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Gaetano Debattista ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li kien qed jikkontratta mas-socjetà attrici f'isem is-socjetà konvenuta Debattista Holdings Limited u mhux f'ismu personali, anzi mill-provi minnu prodotti, u senjatament l-ittra tieghu lis-socjetà attrici datata 6 ta' Gunju 2007 a fol. 38 tal-process, jirrizulta proprio l-oppost. Jibda biex jinghad li l-imsemmija ittra giet iffirmata mill-konvenut minghajr ebda indikazzjoni li kien qed jibghatha u jiffirmaha ghan-nom tas-socjetà konvenuta fil-kapacità tieghu ta' Managing Director taghha. Barra minhekk fl-istess ittra *inter alia* jghid illi *jiena naccetta wkoll parti mir-responsabiltà li ffirmajt ghaliha*[6] *u tul is-snin, mhux talli ma njorajtx l-kontijiet mibghuta imma tul is-snin ma waqaftx nibghat pagamenti (ta' dawn lest li nipprezenta l-ircevuti) ghalkemm il-kumpaniji msemmija mghadhomx joperaw kif infurmati l-awtoritajiet koncernati*. Din id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma hija xejn ghajr ammissjoni da parte tieghu li huwa kkuntratta mas-socjetà attrici f'ismu personali u b'hekk huwa hu personalment li huwa responsabbli ghall-hlas tas-servizzi telefonici relattivi ghan-numri tat-telefon mertu tal-kontestazzjoni.

Bix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, il-konvenut Gaetano Debattista rega' tenna din l-ammissjoni. In effetti meta xehed dwar il-Blue Lagoon Hotel, Bugibba, qal illi *meta hadnieh over ahna ma kienx hemm linji fit-telephone peress li kien hemm kont x'jithallas u l-Maltacom kienet insistiet li l-ewwel jithallsu l-arretrati u imbaghad taghtina l-linja, ghalhekk jiena ma kellix alternattiva hlief naghmel kuntratt mat-Telemalta sabiex inhallas dawn l-arretrati u imbaghad jiena ndur fuq is-sid precedenti*[7]*. Sfortunatament is-sid precedenti kien falla u minhabba l-problemi li kellna mieghu kellna naghlqu l-lukanda. Wara l-2003 jiena ma operajtx aktar mill-lukanda. Jiena ma chadtx l-obbligazzjonijiet tieghi ghaz-zmien li kont qieghed nopera l-lukanda*[8]*.*

[6] Sottolinear tal-Qorti.
[7] Sottolinear tal-Qorti.
[8] Sottolinear tal-Qorti – Fol. 36 u 37 tal-process.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut Gaetano Debattista li hu f'ismu personali ma huwiex responabbli ghall-hlas lis-socjetà attrici izda hija responsabbli s-socjetà Debattista Holdings Limited, ma tistax tigi milqugha.

Il-konvenut Gaetano Debattista jikkontendi wkoll li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici mhux dovut fl-intier tieghu ghaliex fil-mori tal-proceduri odjerni huwa effettwa pagamenti lis-socjetà attrici.

Jigi osservat li *ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indipensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali*[9]. Fil-kaz in ezami però l-konvenut ma ressaq ebda prova li b'xi mod turi li gew effettwati l-allegati pagamenti u ghaldaqstant anke dan il-pretensjoni ghandha tigi michuda.

Peress illi l-*quantum* ta' l-ammont mitlub mis-socjetà attrici u konfermat bl-*istatement of account* esebit bhala Dok. "E" a fol. 6 sa' 10 tal-process, ma giex kontestat hlief bil-pretensjoni tal-pagament, li però ma gietx ippruvata, jirrizulta li bhala fatt id-debitu dovut lis-socjetà attrici huwa ta' €5,261.50.

Fid-dawl ta' dak kollu osservat ghalhekk jirrizulta li *qua* debitur tas-socjetà attrici il-konvenut Gaetano Debattista ghandu jhallasha s-somma mitluba ta' €5,261.50.

Is-socjetà attrici titlob ukoll li konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza kompriza t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ai termini ta' l-Artikolu 7 ta' l-Ewwel Taqsima ta' l-Erbghatax-il Skeda tal-Kap.406

---

[9] Ian Abela Fitzpatrick ezercenti l-kummerc bl-isem The Servicing Network v. Web Trading Limited, Appell Civili Nru. 1752/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003.

tal-Ligijiet ta’ Malta, li japplika ghal kull kawza ghall-hlas ta’ drittijiet ta’ servizzi professjonali maghmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi, *il-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza ma ghandhiex tkun marbuta li thallas l-ammont li jirreferi ghat-taxxa, jekk ikun hemm, li ghandha tithallas fuq il-provvista ta’ dawk is-servizzi sakemm l-original tal-fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ din il-partita ma tinghatax lilha, jew, fejn il-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, lil xi wiehed minnhom.*

Il-paragrafu (b) ta’ l-imsemmi artikolu jipprovdi li *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali moghtija skond kif imsemmi hawn fuq ghandu jkun fiha, minbarra t-taghrif mehtieg skond l-Att – (i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taht iffirmata mill-persuna li lilha jkunu inghataw l-imsemmija servizzi: “Niddikjara li ebda kreditu ghall-input tax ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li ghalihom tirreferi din il-fattura ta’ taxxa/ricevuta fiskali”; (ii) meta l-persuna li kontra taghha tkun saret il-kawza jew it-talba tkun persuna registrata taht l-Artikolu 10, jew, meta l-kawza tkun saret kontra ghadd ta’ persuni flimkien, jekk xi wiehed minnhom ikun persuna registrata taht l-Artikolu 10, l-isem u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta’ l-imsemmija persuna registrata.*

Huwa biss meta *fattura ta’ taxxa jew ricevuta fiskali ghall-hlas ta’ servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-paragrfu (b) ta’ din il-partita tinghata lil persuna taxxabbli li hi marbuta bil-ligi li thallas jew tirrifondi l-imsemmi hlas din ghandha ghall-ghanijiet ta’ dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta’ taxxa ghal servizzi professjonali provduti lilha* – Artikolu 7(c).

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-hlas da parte tal-konvenut tat-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva ghad-drittijiet professjonali in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi deciza w imposta mill-Qorti fis-sentenza Taghha izda, tali hlas jista’ jintalab minghand dik is-socjetà kemm-il darba dak

dispost fil-Ligi jigi segwit minnha. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba partikolari tas-socjetà attrici biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu rigwarda s-socjetà Debattista Holdings Limited izda tichad l-istess eccezzjoni in kwantu rigwarda l-konvenut Gaetano Debattista, tilqa' t-talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Gaetano Debattista u tikkundannah ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €5,261.20, bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Awissu 2007, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-konvenut Gaetano Debattista, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri, filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjetà attrici biex il-konvenut Gaetano Debattista jigi kkundannat ihallas it-taxxa fuq il-valur mizjud in konessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, tiddikjara u tiddeciedi li l-ispejez giudizzjarji ghandom jigu sopportati interament mill-istess konvenut Gaetano Debattista.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------